**159. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas- Seduta Nru. 192 tas-17 ta' Lulju, 1978, il-Kamra tad-Deputati approvat it-trasferiment tal-korp ta' bini magħruf bħala St Julian's Court, San Ġiljan lill-Holiday Services Company Limited;

U billi l-istess Kumpannija talbet li l-istess kuntratt approvat mill-Kamra tad-Deputati kif diġa' emendat jerġa' jiġi modifat kif jirriżulta aħjar mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal- artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-abbozz ta' kuntratt fuq imsemmi li jimmodifika l-kuntratt oriġinali kif ġa emendat jiġi approvat.

23.06.1989